.


# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt   Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 9/2018

2 ta' Awwissu 2018

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-2:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

9.1 Qari tal-Ittri ta’ apoloġiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ma kienx ser jattendi għaliex kien indispost.Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

9.2.1 Is-Sindku qal illi kien rċieva lmenti rigward ix-xogħlijiet li saru fi Triq San Tumas (ref punt 8.2.3). Il-Viċi Sindku ukoll qal li ma kienx kuntent bix-xogħolijiet u li l-livelli ma kinux sodisfaċenti. Il-Viċi Sindku qal illi ma kinx hemm il-bżonn illi terġa tinqala’ biżżejjed illi tinqata’ ċarru fit-truf sabiex il-wiċċ il-ġdid li jingħata jaqbad faċċata ma faċċata. Il-Kunsill qabel unanimament illi m’għandux jaċċetta x-xogħol li sar fil-parti tan-nofs tat-triq u li jekk hemm bżonn għandna niltaqgħu mal-kuntrattur flimkien mal-Perit tagħna.

9.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 8.2.4 it-triq l-oħra li qiegħa ssir, ix-xogħol għandu jkun lest għal nofs Settembru. Il-Viċi Sindku qal illi għalkemm din it-triq għadha mhix lesta x-xogħol diġa jurik illi x-xogħol ġej sew.

9.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 8.2.10 huwa kien għamel rapport għal diversi drabi sabiex tiġi rranġata t-triq u qal illi l-Kunsill taż-Żurrieq kien għamel rapport ukoll fuq l-istess ilment.

9.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref 8.4.1 jekk konniex ħadna risposta mingħand l-*Planning Authority*. Is-Sindku qal illi l-*Planning Authority* qablet illi jeħlu l-poles li kien ittenderja l-kuntrattur, pero' dawn iridu jkunu ċċertifikati mill-MCCAA sabiex inkunu eliġġibli li nieħdu l-fondi għalihom.

9.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abidilla staqsa jekk kienx ħareġ il-permess ref 8.2.16 sabiex inkunu nistgħu nmexxu l-applikazzjoni sabiex issir id-devjazzjoni tal-wires tad-dawl minn mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-permess kien ħareġ u issa l-Kunsill seta' jibgħat l-applikazzjoni lil Enemalta.

9.2.6 Is-Sindku qal illi ref 8.4.2, huwa kien kellem lil tal-Water Services Corporation sabiex jiprova li l-Inspection boxes li hemm fil-Ħlantun isiru minn naħa tagħhom. Is-Sindku qal illi tal-WSC kienu ġew jarawhom u kellu konferma illi l-inspection boxes ser jiġu rranġati minn naħa tagħhom.

9.2.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk konniex kellimna lil Kunsill taż-Żurrieq rigward il-konfini fl-area tal-Ħlantun. Is-Sindku qal illi kien ltaqa' mal-Kunsilllier is-Sur Joe D'Amato li kien qabel illi l-imsemmija toroq ref punt 8.5.1 jinqalba l-konfini tagħhom, pero' ovjament qabel ried li din tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill taż-Żurrieq.

9.2.8 Is-Sindku ppreżenta pjanta ġdida lill-Kunsill b'suġġeriment ta' kif għandu jiġi Ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku qal ukoll illi hekk kif konna qbilna fl-aħħar laqgħa, din il-pjanta ser tkun imdaħħla mal-Fuljett ta' Awwissu sabiex nieħdu feedback mingħand ir-residenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.3.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien rebaħ proġett ieħor tal-Erasmus+ li din id-darba kien ser jeħodna Thessaloniki bejn it-3 u it-8 ta' Diċembru 2018 fejn ser jipparteċipaw 5 parteċipanti bejn it-18 u 30 sena.

9.3.2 Is-Sindku qal illi Transport Malta kienu approvaw il-bankina quddiem ir-razzett li jinsab int u nieżel it-triq tal-Karwija. Is-Sindku qal illi kif qbilna waqt il-laqgħa kien tkellem ma sid ir-razzett, li jaqbel li ssir din il-bankina li ser tkun qiegħda tnaqqas mill-periklu li hemm int u ħiereġ mir-razzett. Il-kunsill iddiskuta jekk fil-bankina għandix issir bush jew xi siġra. Hawn il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjoni tal-Landscaping li l-Kunsill kien qiegħed jitlob flimkien mal-Kunsill ta' Ħal Kirkop.

9.3.3 Is-Sindku qal illi l-kompjuter tiegħu kien qiegħed itih il-problemi u li għalkemm kien ġab żewġ teknixins sabiex jipruvaw jirranġaw il-kompjuter, iżda dawn ma rnexxilhomx għaliex baqa' l-istess. Il-Kunsill qabel illi jinbidel it-tower tal-kompjuter.

9.3.4 Is-Sindku qal illi l-Każin ta' San Pawl kienu ser jżidu xi bandalori ġodda f'Misraħ San Ġużepp u li kellhom bżonn xi toqob ġodda. Il-Kunsill qabel illi dawn għandhom isiru pero' għandhom joqogħdu attenti huma u jtaqbu minħabba l-ġibja.

9.3.5 Is-Sindku qal illi fil-ġibjun li hemm taħt Misrah San Ġużepp hemm ħażna kbira ta' ilma illi l-Kunsill jeħtieġ jibda' jagħmel użu minnu. Is-Sindku qal illi jekk nużaw pompa bl-elettriku jkollna bżonn meter tad-dawl u li sabiex nifrankaw dan jista' jsir permezz ta' panelli solari. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi sa massimu ta' 16-il pied dan jista' jsir permezz ta' mutur li jaħdem bil-petrol. Il-Kunsill qabel illi għandna naraw kemm hi fonda l-ġibja u kemm jiġina l-kont tal-ilma tal-garaxx minn fejn qiegħed jintela' l-ilma fil-preżent.

9.4 Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi l-parking li għamilna fi Triq Qerd in-Naħal qiegħed jintuża għal karozza bla liċenzja. Id-Deputat Segretarju qalet illi diġa' kienet mexxiet dan l-ilment lil pulizija.

9.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi Triq il-Ħajt Ruman qiegħed ikun hemm problema kbira ta' parkeġġ u li kien hemm dgħajsa pparkjata li kienet qiegħda tieħu żewġ parkeġġi waqt li kienu qiegħdin jiġu pparkjata karozzi kbar fuq il-kaxxi sofor.

9.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk l-parkeġġ fi Triq il-Kuċċard kienx ser jiġi kif inhuma fi Triq taż-Żurrieq. Is-Sindku qal għandna niċċekkjaw mal-pjanti, pero' issa kien għadda ż-żmien sabiex jinbidlu.

9.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jagħmel ix-xogħol fuq l-istima li ħadna tal-Murial li hemm fil-bandli. Is-Sindku qal illi l-istima kienet kemxejn għolja u x-xogħol ma kienx garantit li ser iservi għal ħafna żmien.

9.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi tabella li hemm fi Triq il-Kuċċard kantuniera ma Triq San Ġwann ġiet bla użu u għandha tinqala'. Il-Kunsill ma qabilx li għandha tinqala' għaliex jekk tinqala' issa ma terġax issir meta titranġa Triq il-Kuċċard.

9.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kemm ilna li neħħejna l-sleeping police li kien hemm fi Triq il-Feniċi meta jgħaddu l-karozzi qiegħdin jagħmlu l-istorbju. Il-Kunsill ma qabilx illi għandna nirranġaw xogħol li ma kienx ordnat mill-Kunsill.

9.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kuntrattura fi Triq tal-Ajżar kien għamel il-bankina u parti minn Sqaq Ħannux bil-konkrit. Huwa qal illi issa l-Kunsill ser ikun kostrett għaliex mhux ser ikun jista' jikkopjah. Il-Kunsill qabel illi għandna nitolbu stima lil kuntrattur għax xoghol li kien fadal.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ġiet skużata mill-laqgħa fil-4:25pm

9.5 Rapporti

9.5.1 Approvazzjoni tat-Tieni Kwart tal-Financial Report 2018

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet t-Tieni Kwart tal-Financial Statements Q1 (Apri - Mejju 2018). Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

9.6 Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali

9.6.1 Id-Deputat Segretarju spjegat l-iskema li kienet ħarġet mid-Dipartiment favur il-Libreriji Lokali. Hija qalet illi bħala Librerija kellna bżonn nbiddlu l-air conditioner għaliex ma kienx effiċjenti biżżejjed. Il-Kunsill qabel illi għandna naplikaw għal massimu li nistgħu nieħdu cioe għal 600 Euros sabiex jinxtara dan l-airconditoner.

9.7 Festa 2018

Il-Kunsill qabel illi għandna nmexxu l-Festa tar-raħal bħal snin preċidenti.

9.8 Stima għal-Kameras

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva l-istima għal Kameras li tammonta għal 824 Euros. Is-Sindku spjega illi ma dan l-ammont irid jiżdied l-ammont ta' 23 Euros fix-xahar sabiex l-moden ikun jista' jitrażmetti mill-WIFI. Apparti dan kollu sabiex tiċċaqlaq il-kamera minn post għal ieħor ikun hemm l-ispiża ta' 30 Euro fis-siegħa.

Il-Kunsill iddiskuta fuq dan ir-rigward pero' sar qbil illi peress li ser tiġi ntrodotta l-borża l-bajda u ser jibda jkun hawn sorveljanza fuq l-iskart, għal issa ma kellniex għalfejn ninstallaw dawn il-kameras.

9.9 Korrispondenza

9.9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċievejna talba jibdew isiru l-lezzjonijiet tas-Science Club bħal snin l-imgħoddi. Il-Kunsill qabel illi għandna nidħlu għal din l-inizjattiva, pero' sar qbil ukoll illi jekk l-applikanti ma jkunux qiegħdin jifdu l-ispejjeż għal ħlas tal-imgħallma, nwaqqfu din l-inizjattiva.

9.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

9.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.53pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 6 ta' Settembru 2018.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv